MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2014

Avviz Numru. 27/2014

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**John Gatt**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebat elef, sitt mija u tnejn u sebghin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€7,672.85) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account*" tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A") flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-14 ta' Frar, 2014 sad-data ta' l-effettiv pagament, liema *loan* giet moghtija lilu permezz ta' skrittura privata datata 7 ta' Frar, 2009 (Dok "B").

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikata (Dok "B") partikolarament, imma mhux esklussivament billi l-konvenut John Gatt (a) naqas milli ihallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura, u (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 30 ta' Marzu, 2012 (Dok "C") u tal-mandat ta' sekwestru li gie pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat li fis-seduta tal-25 ta' Gunju, 2014 il-konvenut John Gatt, ghalkemm debitament notifikat, ma deherx u lanqas ipprezenta risposta.

Rat li fl-istess seduta gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta tal-1 ta' Lulju, 2014, il-konvenut imsejjah tlett darbiet naqas li jidher, ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta' attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebat elef, sitt mija u tnejn u sebghin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€7,672.85), flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-14 ta' Frar, 2014 sad-data ta' l-effettiv pagament, bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 30 ta' Marzu, 2012 u tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment mar-rikors promotur, kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------